# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis,14 ta' Marzu, 2024**

**Numru 4**

**Rikors Numru  119/22TA**

**Anna Gafa (K.I. 247154M)**

**vs**

**Awtorita tad-Djar**

**Mario Fenech (K.I. 50264G)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Anna Gafa'(ir-rikorrenti) tal-25 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**i.** "Illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond *64, Triq San Girgor, Iz-Zejtun,* li akkwistat *per via di successione* minghand ommha ossia Emilia Caruana, skont testment tal-4 ta' Frar 1962 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo G. Vella, hawn anness u mmarkat bhala **"Dokument A".**

**ii.** Illi l-imsemmija Emilia Caruana mietet fis-17 ta' April 1984 u l-wirt taghha gie debitament denunzjat lil Kummissarju tat-Taxxi Interni kif jirrizulta mid-denunzja numru 2864/84, hawn anness u mmarkat bhala **"Dokument B".**

iii. Illi l-fond gie rekwizizzjonat fil-**12 ta' Frar 1964** u ggib in-numru ta' rekwizizzjoni RO/22098 u kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala **'Dokument C'** hawn anness.

iv. Illi ghalhekk mil-12 ta' Frar 1964, l-imsemmi Fenech flimkien ma' martu, illum mejta, kienu jaghmlu uzu minn dana l-fond. L-intimata Awtorità Tad-Djar kienet stabbilit il-kera annwali ta' dan il-fond ghal circa **Lm 12,** fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem. Il-kera gholiet ai termini tal-Att X tat-2009, ossia mil-1 ta' Jannar 2010 fejn il-kera dovuta saret €185 fis-sena u kellha tibqa toghla kull tlett snin, sakemm illum nircievi kera ta'circa **€210** fis-sena, kif jirrizulta mil-rcevuti hawn annessi u mmarkati bhala **'Dokument D'.**

v. Illi bl-ordni ta' rekwizizzjoni msemmija, l-intimat Fenech u familtu gew moghtija d-dritt li jibqghu jghixu fil-fond b'kera irrizorja li ma tirriflettix is-suq u lanqas izzomm bilanc bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin, bl-unika awment permessibbli fil-kera jkun dak skond ir-rata ta' inflazzjoni kif determinata mill-Awtoritajiet Governattivi.

vi. Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrenti giet spossessata mid-dritt ta' uzu tal-proprjetà taghha wara u ghalhekk giet assoggettata wkoll ghal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin ghal perijodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi ta' l-inkwilini u dawk tas-sidt.

vii. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat tant li kien gie rekwizizzjonat.

viii. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni in kwistjoni ivvjolat d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti u b'hekk ir-rikorrenti soffriet danni minhabba din il-lezjoni minn dik il- ġurnata sallum.

ix. Illi, kif inghad, ir-rikorrenti sallum ghadha qatt ma rceviet il-kera gusta fis-suq ghall-fond in kwistjoni.

x. Illi r-rikorrenti gew affaccjati b'din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni b'mod ingust u b'mod abbusiv tant li l-Awtorita' tad-Djar insistiet u ezigiet li tohrog din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni, u liema Ordni ta' Rekwizizzjoni tikser id-drittijiet kostituzzjonali taghhom a tenur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan stante illi l-kera li imponewlhom li jircievu ma kienx il-kera tas-suq u lanqas proporzjonali ghad-drittijiet taghhom bhala sidien.

xi. Illi l-Gvern arbitrarjament iffissa l-kera pagabbli fis-sena lir-rikorrenti liema somma hija naturalment wahda minima hafna u zgur ma kenitx tirrifletti l-valur kummercjali tal-fond.

xii. Illi l-intimati, jew min minnhom, ghandhom ihallsu d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba dak impost fuqhom b'din l-Ordni ta' Rekwizizzjoni li, kif imsemmi, kisret id-drittijiet kostituzzjonali taghhom kif protetti

mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

**xiii.** Illi ghalhekk, ghad li huwa minnu li r-rikorrenti baqghu titolarji u proprjetarji tal-fond de quo, gie impost fuqhom 'landlord / tenant relationship' u fil-verità huwa esproprjazzjoni 'de facto' u dan ikkrea pregudizzju sproporzjonat u eccessiv fuq l-esponenti bi ksur tal-Ewwel Protokol tal-Artikolu Wiehed tal-Konvenzjoni Ewropea kif gia gie stabbilit fil-kawza **"Fleri Soler & Camilleri vs MALTA" deciza fis-26 ta' Dicembru 2006 u "Gerald Montanaro Gauci vs MALTA" deciza fit-30 ta' Awissu 2016.**

**xiv.** Illi, ghad illi l-Istat ghandu margini ta' diskrezzjoni wiesgha biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tieghu stess, huwa ghandu però jassigura wkoll li bejn il-mezzi adoperati u l-iskop li jrid jilhaq, ikun hemm proporzjon bejn il-piz li jrid ibati s-sid li fuq il-proprjetà tieghu tohrog l-ordni ta' rekwizizzjoni u l-interess ghas-socjetà in generali u li b'din l-ingerenza sid ma jkunx assoggettat ghal *disproportionate burden.*

**xv.** Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diga kellha okkazjoni tikkummenta f'kazi li rrigwardjaw lil Malta li ghalkemm m'hemmx dubju li l-Istat ghandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tieghu stess, li ndividwu jigi privat mill-uzu liberu tal-proprjetà ghal hafna snin u fil-frattemp jircievi kera mizera, jammonta ghal ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawza **"Ghigo vs Malta", deciza fis-26 ta' Settembru 2006**, il-Qorti sabet li jezisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni ghaliex ir-rikorrenti gie privat mill-proprjetà tieghu tnejn u ghoxrin (22) sena qabel u kien jircievi hamsa u hamsin (55) Euro fis-sena bhala kera. Fil-sentenza **"Fleri Soler et vs Malta",** moghtija fl-istess data, l-istess Qorti ukoll sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti gie lez u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta.

**xvi.** Illi **b'sentenza ohra deciza mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fis-27 ta' Awwissu 2019, (Application no. 55747/16) fl-ismijiet Portanier vs Malta**, l-imsemmija Qorti ammoniet lill-Qorti Kostituzzjonali Maltija talli qieghda b'mod kontinwu u sistematika tabdika mir-responsabbiltà taghha illi tordna l-izgumbrament tal-inkwilini f'kazijiet simili ghal dak odjern, meta fl-istess nifs ssib illi hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

**xvii.** Illi sussegwentement, **il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), f'kaz simili ghal dak odjern Rikors Nru. 77/2015 fl-ismijiet Joseph Camilleri vs L-Avukat Generali u Sylvia u Dennis konjugi Fenech deciza fit-3 ta' Ottubru 2019** mhux talli iddikjarat li kien hemm lezjoni tal-artikolu 37 ta' Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk ordnat illi r-rikorrent jithallas s-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000) bhala kumpens pekunjarju u non-pekunjarju minhabba l-ksur imgarrab

minnu talli laqghet it-talba tal-istess rikorrenti biex jigu zgumbrati l-intimati u kwindi jinghata pussess liberu tal-fond lir-rikorrenti u dan entro sena mid-data tas-sentenza bl-obbligu fuq l-intimati li jhallsu lir-rikorrenti kera ta' €300 fix-xahar mis-sentenza sal-eventwali ritorn tal-fond lir-rikorrenti.

**xviii.** Illi fil-kaz de quo certament li ma kienx hemm dan il-fair balance jew a reasonable relation of proportionality.

**xix.** Illi in vista tal-kazistika surreferita, sahansitra dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, certament li ma hemm ebda dubju li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeciedi l-kawza odjerna billi ssib illi r-rikorrenti nkisrilhom id-dritt fundamentali taghhom sancit bl-imsemmi Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**xx.** Illi ir-rikorrenti ghandha tircievi l-kumpens tul iz-zmien li hi u l-antekawza taghha sofrew minhabba l-okkupazzjoni tal-intimat Fenech tul dawn l-ahhar tletin sena stante illi huma bl-operazzjonijiet tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-ordni ta' rekwizizzjoni nnifsu gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali taghhom sia ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, biex b'hekk huma soffrew danni mill-1964 'il quddiem sal-gurnata tal-lum.

**xxi.** Illi hija ghandha tircievi d-dannu kollu soffert miz-zmien imsemmi u dan skond sentenza deciza mill-**Qorti Kostituzzjonali Rikors Nru. 161/2019/1 fl-ismijiet SAMMUT CARMEL SIVE CHARLES vs DIMECH MARIA STELLA ET**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn gie deciz illi r-rikorrenti kienu dahlu fiz-zarbun tal-awturi taghhom fit-titolu u kellhom dritt jitolbu d-danni mill-bidu tal-lezjoni sofferta.

**GHALDAQSTANT ir-rikorrenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, sabiex jghidu l-intimati ighaliex m'ghandhiex:**

**(I)** **Tiddikjara u tiddeciedi** illi minhabba c-cirkostanzi u fatti suesposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, kif ukoll minhabba d-dispozizzjonijiet tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta u l-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni R/O 22098, u minhabba l-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tezisti lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u li l-effetti ta' tali Ordni ta' Rekwizizzjoni ghadhom sa llum jincidu fuq id-drittijiet patrimonjali, kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti.

**(II)** **Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi** illi l-lokazzjoni tal-fond *64, Triq San Girgor, Iz-Zejtun* proprjetà tar-rikorrenti, a favur tal-intimat Fenech, tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu

1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju jitterminaw il-lokazzjoni relattiva u jikkancellaw ghall-effetti kollha tal-ligi ir-rekwizizzjoni relattiva, oltre rimedji ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa.

**(III)** **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tar-rekwizizzjoni u okkupazzjoni in kwistjoni li ma kkreatx bilanc gust bejn id-drittijiet tas-sidt rikorrenti u dawk ta' l-inkwilini, stante illi l-kera pagabbli lir-rikorrenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni.

**(IV)** **Tillikwida** l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Ligi

**(V)** **Tikkundanna** lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

**Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.**"

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tad-Djar tal-25 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. "Illi fejn l-atturi qed jattakkaw l-operat ta' ligi jew ligijiet, l-Awtorita' esponenti ma tistax tahti ghal tali legislazzjoni u il-legittimu kontradittur huwa haddiehor. Ghalhekk jekk din kienet kirja kontrollata u protetta bil-ligijiet l-antiki tal-kera, allura l-Awtorita` tad-Djar qatt ma tista' tkun legittimu kontradittur u ghalhekk, ghandha tinheles mill-gudizzju minghajr ma tbati l-ebda spejjez;

2. Illi ukoll, kemm il-darba l-atturi qed jattakkaw l-operat ta' ligi jew ligijiet, l-Awtorita tad-Djar mhijiex il-legittimu kontradittur;

3. Illi ma jista jkun hemm ebda lezjoni tal-Konvenzjoni qabel ma dina dahlet fis-sehh fl-1987 ghalhekk kull kumpens li jista jinghata irid jigi meqjus minn dik id-data;

4. Illi ma kien hemm xejn li huwa leziv tad-drittijiet fundamentali fil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni. Ghalhekk it-talbiet kif impostati ma jistghux iregu u ghandhom jigi michuda;

5. Illi intant ukoll meta jitqies il-valur tal-fond, attenzjoni trid tinghata ghad-denunzja jew ghad-dikjarazzjoni causa mortis ghax hemm indikat il-

valur li taw is-sidien stess ghall-post. Il-periti mahtura mill-Qorti iridu jitilqu minn dak il-valur f' dik is-sena u jaraw kemm setghet apprezzat il-propjeta` tul iz-zmien. Ma jistax ikun li sid ghal skop ta' taxxa jindika valur mod u ghal skop ta' kumpens jistenna valur mod iehor;

6. Illi jigi rilevat li jekk sa issa kien hemm lezjoni kostituzzjonali minhabba il-kumpens li l-attur qieghed jallega li kien baxx, minn issa l-quddiem dan il-fattur gie korrett bl-emendi li dahlu fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2021 bl-Att XXIV tal-2021. Fil-fatt issa bis-sahha ta' dawn l-emendi, l-attur jista' jadixxi il-Bord tal-Kera u jitolbu li il-kera tizdied sa 2% tal-valur tal-post fis-suq miftuh. Ghalhekk it-talba ghall-izgumbrament ma tistax u, jew ma ghandiex tigi milqughha; ara f' dan is-sens l-Art 11 (5) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta kumpens fil-kaz ta' okkupazzjoni bis-sahha ta' ordnijiet ta' rekwizizzjoni. U la minn issa il-quddiem il-kumpens ser ikun dak xieraq, u la l-Ordni ta' Rekwizizzjni kienet wahda legali intiza ghal skop ta' akkomodazzjoni socjali, allura it-talba ghall-izgumbrament ma ghandiex tigi milqughha;

7. Illi drittijiet fundamentali u id-dritt ta' azzjoni ghall-lezjoni ta' drittijet fundamentali ma jistghux jigu trasferiti la inter vivos u la causa mortis ghaliex dawk huma drittijiet moghtija personalment lil min ikun issubixxa il-lezjoni. Dawn id-drittijiet huma extra commercium u mhux trasferibbli. Kieku drittijiet fundamentali jistghu jigu trasferiti inter vivos jew causa mortis, peress li tali drittijiet m' humiex preskrivibbli allura jista' jaghti l-kaz li l-Istat jigi anke imfittex ghall-lezjoni per ezempju ta' arresti illegali li graw il-fuq minn mitt sena ilu;

8. Illi l-attrici wirtet il-fond de quo fis-17 t'April 1984 allura ma hemm ebda lezjoni li setghet sofriet qabel ma wirtet u dan hekk kif jinghad fis-sentenza deciza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Dicembru 2020 ***Doreen Grima et. vs Awtorita` tad-Djar et*** **(Rik nru. 167/2019 GM)**;

9. Illi fit-22 ta' Gunju 2021 Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet hekk fil-kawza ***Erika Gollcher et vs L-Avukat tal-Istat et.*** **(Rik 116/2019 FDP)**:

*"Dwar il-ħames eċċezzjoni, ġie eċċepit li r-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens għal allegat ksur għal perjodi li setgħu sofrew l-antenati tagħhom.*

*Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti akkwistaw l-imsemmi fond permezz ta' wirt mingħand ommhom defunta Gerogette Cauchi. Illi huwa leċitu, li l-Qorti tqis biss il-perjodu ta' żmien minn meta r-rikorrenti akkwistaw it-titolu fuq l-imsemmija proprjeta`.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' din il-ħames eċċezzjoni tal-Awtorita` tad-Djar."*

10. Illi jekk l-attrici ma kienitx is-sid meta sehhet l-allegata lezjoni kostituzzjonali allura hija ma ghandha l-ebda locus standi f' din il-kawza u ghalhekk it-talbiet fir-rikors ma jistghux jigi milqugha. Referenza ssir ghal dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **Maria Gialanze` vs Carmen Mizzi et. (deciza 02/12/2021; Rik nru. 79/2020)**:

    *"Biżżejjed jingħad għall-fini ta' din il-kawża li d-drittijiet umani huma kkunsidrati inerenti għall-persuna umana. Min-natura tagħhom huma marbutin mal-persuna tal-vittma. Huma drittijiet personali, u mhux drittijiet in rem. Anke fil-każ li dritt fundamentali jikkonsisti fil-vjolazzjoni tat-tgawdija tal-proprjeta`, u l-vittma tkun intitolata għal kumpens,* ***dak il-kumpens huwa marbut mal-persuna tal-vittma u mhux mal-proprjeta`****. Jekk il-proprjeta` tiġi ttrasferita lil terza persuna, kemm b'titlu gratuwitu kif ukoll b'titlu oneruż, id-dritt tal-kumpens ma jistax jiġi ttrasferit flimkien mal-proprjeta`."*

    l-istess ghalhekk jista' jinghad ghal-propjetajiet li gew akkwistati permezz ta' wirt. Jigi mfakkar li l-ordni ta' rekwizizzjoni in kwistjoni li jgib in-numru RO/22098 kienet inhareg fit-12 ta' Frar 1964 u ghalhekk sew qabel ma wirtet l-attrici.

11. Illi ma kien hemm xejn hazin fil-hrug tal-Ordni ta' Rekwizizzjoni u intant anke hawn ma gewx ezawriti ir-rimedji ordinarji ghaliex hadd ma ipproceda biex tigi sindakata gudizzjarjament id-diskrezzjoni amministrattiva li ittiehdet meta hargu l-ordnijiet. Il-kostituzzjoni taghti id-dritt lill-istat li jillimita id-drittijiet tal-propjeta` basta jkun hemm proporzjonalita` bejn il-limitazzjoni fuq id-dritt u il-kumpens imhallas;

12. Illi jekk kien hemm Ordni ta' Derekwizizzjoni ghall-propjeta` tal-kawza in kwistjoni allura ma' jista' jkun hemm ebda lezjoni ta' dritt kostituzzjonali ghall-anqas minn dakinhar il-quddiem, peress li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni lanjat mill-attur ma kinitx ghadha tezisti;

13. Illi dan il-punt gie emfasizzat iktar bis-sentenza ta' ***Michael Farrugia vs Avukat tal-Istat et.*** **(Rik. 78/16; deciza 04 ta' Mejju 2021)**. Fil-fatt is-sentenza tghid hekk:

    *"36. Fl-ewwel lok, jiġi puntwalizzat, li l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa l-imsemmi fond, abbażi tal-effetti tal-liġi u ċioe` tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin f'każijiet bħal dan hija regolata mil-liġi tal-Istat. Għalhekk, il-kontestazzjoni prinċipali da parti tar-rikorrenti mhijiex ir-rekwiżizzjoni per se, maħruġa fl-1975 u mneħħija fl-20 ta' Awissu 2007. Infatti, r-rekwiżizzjoni tneħħiet fl-2007, u kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Awtorita` tad-Djar, ir-rikorrenti qatt ma kkontestaw l-ordni ta' rekwiżizzjoni tramite l-mezzi ordinarji provvduti fil-liġi.*

    *37. Inoltre`, l-intimata Ciantar baqgħet tokkupa u tirrisjedi fil-fond de quo abbażi tal-liġijiet viġenti u mhux abbażi tar-rekwiżizzjoni stante li l-*

*fond ilu derekwiżizzjonat minn Awissu 2007. Ir-rikorrenti qed jilmentaw minn liġi li qed iċċaħdilhom id-dritt li jieħdu lura l-proprjeta` tagħhom, u li jibqgħu jipperċepixxu kera baxxa.*

*38. Għaldaqstant, għal dan l-ilment żgur m'għandhiex tirrispondi l-Awtorta` tad-Djar. Jiġi ribadit li l-Awtorita` tad-Djar qatt ma kienet vestita b'ebda fakultà leġislattiva, kwindi ma tistax tiġi tenuta responsabbli għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti. In vista tas-suespost, l-Awtorita` tad-Djar qed tiġi dikjarata li mhijiex il-leġittimu kontradittur. Konsegwentement, qed tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju."*

Illi referenza ssir ukoll ghal dak li inghad fis-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet ***Charles et vs. Awtorità tad-Djar et*** (Rik. Nru 199/2021 LM, dec. 12/01/2022) fejn inghad bl-akjtar mod skjett li:

*"Il-Qorti tikkonsidra li l-Ordni ta' Derekwiżizzjoni nħarget fil-15 ta' Frar, 2000, filwaqt li kien biss malmewt ta' ommhom fis-17 ta' Jannar, 2011 u hekk kif sar l-att ta' dikjarazzjoni causa mortis fis-16 ta' Ġunju, 2011 fir-rigward tan-nofs indiviż li kien jispetta lilhom mill-wirt ab intestato tagħha, li r-rikorrenti setgħu jivvantaw xi drittijiet fuq il-fond u għalhekk ukoll ksur tad-dritt tat-tgawdija tiegħu. Qabel dik id-data kienet ommhom bħala proprjetarja tal-fond li setgħet tressaq ilment dwar ksur ta' drittijiet fundamentali quddiem din il-Qorti, iżda għażlet li dan ma tagħmlux u għalhekk ir-rikorrenti wliedha ma jistgħux illum wara l-mewt tagħha jippretendu li jistgħu jidħlu fiż-żarbun tagħha u jintavolaw proċeduri għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Anki bħala werrieta tagħha dan mhux possibbli għall-iskop ta' ħlas ta' danni għaliex ma jirriżultax li huma kellhom xi dritt assolut li jirtu l-introjtu mitluf mill-kirja tal-fond kieku dan inkera fuq is-suq miftuħ. Għaldaqstant il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni wkoll hija ġustifikata u tilqagħha".*

14. Illi iz-zmien li l-atturi jew l-awturi taghhom hallew li jghaddi biex bdew dawn il-proceduri juri li fil-verita` anke huma ma hassewx li kien hemm lezjoni ghax min ihoss lezjoni dwar drittijiet tal-bniedem soltu jagixxi b' mod tempestiv. Ghalhekk dan it-trapass ta' zmien ghandu ukoll jimmilita kontra l-atturi kemm fis-sejbien o meno ta' lezjoni kif ukoll fil-komputazzjoni tal-kumpens li talvolta jaf ikun dovut lilhom. L-ordni ta' rekwizizzjoni lanjat inhareg fis-sena 1964 u l-attrici jew l-awturi taghha qatt ma agixxew f'temp ta' 58 sena!

15. Illi jekk jirrizulta li l-attrici kienet qed taccetta l-kera minghand l-inkwilini, dan huwa indikattiv tal-accettazzjoni taghha tas-sitwazzjoni u allura jghajjef l-allegazzjoni dedotta fil-proceduri odjerni li hija sofriet vjolazzjoni tad-drittijiet taghha.

16. Illi f' kaz li tirrizulta lezjoni tad-dritt fundamentali tal-propjeta`, li kienet u ghadha qed issehh, allura il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar il-lezjoni u taghti kumpens ghall-lezjoni sofferta sad-data tal-prezentata tal-kawza jew sal-1 ta' Gunju 2021 (data li fiha dahlet fis-sehh l-Att XXIV

tal-2021) jew liema minnhom tigi l-ewwel, u tieqaf hemm. Ukoll ma hemm ebda lezjoni war ail-hrug tall-ordni ta' derekwizizzjoni. Il-lezjoni zgur li issa giet indirizzata u ma tistax tkompli bl-introduzzjoni tal-Att XXIV tal-2021. U f' kull kaz ma tista titqies ebda lezjoni qabel id-data ta' meta l-atturi wirtu il-fond.

17. Illi jekk il-fond ikun ghadu okkupat bhala residenza a bazi ta' ordni ta' rekwizizzjoni u jew a bazi ta' kirja li bdiet qabel l-1995 allura is-sid ghandu rimedju iehor li inghata bl-att XXIV tal-2021 fejn hu, permezz ta' rikors quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera jista sahansitra jitlob zieda fil-kumpens jew fil-kera (skont il-kaz) sa tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-propjeta`. Ghalhekk kull lezjoni li seta kien hemm bazata fuq it-thaddim tal-Kap 158, Kap 69 u Kap 125 tal-ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda l-okkupazzjoni mill- 1 ta' Gunju 2021 il-quddiem issa giet sanata bl-emendi li saru f' dawn il-ligijiet tramite l-Att XXIV tal-2021. Inoltre ghandu jinghad li ghall-kirjiet residenzjali ta' qabel l-1995 is-sidien jistghu anke jitolbu zgumbrament fi zmien sentejn jekk l-inkwilini ikollhom mezzi kif indikat mill-ligi;

18. Illi fuq dawn l-ahhar punti referenza ssir ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali bl-ismijiet ***Georgina Grima et. vs Awtorita` tad-Djar et*** **(deciza 01/12/2021; rik nru. 216/19/1)** fejn l-istess Qorti ikkummentat fuq l-okkupazzjoni tal-inkwilina vis-à-vis l-emendi li dahlu fis-sehh b' permezz tal-Att XXIV ta' 2021:

*"Fir-rigward imbagħad tad-dikjarazzjoni li qed tiġi mitluba relattiva għall-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza appellata ma saret l-ebda determinazzjoni dwar il-validita` konvenzjonali jew kostituzzjonali tal-emendi tal-2021, għaliex tali determinazzjoni qatt ma ġiet mitluba minn xi ħadd mill-partijiet. Għalhekk il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddikjara li Janice Schembri ma tistax tibqa' tibbenefika mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni in kwistjoni, ġaladarba din id-dikjarazzjoni ġġib fix-xejn l-emendi msemmija minkejja li dawn ma ġewx dikjarati invalidi mill-Qorti. Il-Qorti tosserva li skont l-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 125 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat fl-2021 il-ħlas dovut għall-okkupazzjoni tal-fond jista' jiġi awmentat għall-ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-fond liberu u frank fuq is-suq liberu. Dan ifisser li għalkemm fl-imgħoddi din l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni kienet leżiva kif korrettement sabet l-ewwel Qorti, illum-il ġurnata bl-emendi introdotti fl-2021, għad irid jiġi aċċertat jekk din il-leżjoni għadhiex preżenti jew ġietx indirizzata b'mod effikaċi.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ kif provdut fil-paragrafu preċedenti.*

*Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' in parti l-appell tal-Awtorita` tad-Djar, tħassar l-ordni tal-ewwel Qorti li l-intimata Schembri m'għandhiex tibqa' tgawdi mill-protezzjoni tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni mertu ta' din il-kawża u tiddikjara li din is-sentenza hija*

*bla ħsara għall-applikabilita` tal-emendi li ġew introdotti permezz tal-Att XXIV tal-2021.*

19. Illi fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2021 bl-ismijiet ***Simon Mercieca vs Avukat Generali, illum Avukat tal-Istat; Awtorita` tad-Djar; Mary Mugliett***, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk ukoll:

*"Tifdal il-kwistjoni jekk il-kerrejja Mugliett tistax tkompli tinqeda bid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] kif issa emendata.*

*Ċertament l-emendi mdaħħla fil-Kap. 69 bl-Att XXIV ta-2021 ma jħassrux it-telf li ġarrab l-attur qabel daħlu fis-seħħ, u għalhekk dawk l-emendi ma jolqtux il-likwidazzjoni tad-danni. Min-naħa l-oħra l-ewwel qorti sabet li ddispożizzjonijiet tal-Kap. 69 li jiksru l-jeddijiet tal-attur kienu dawk fis-seħħ meta nfetħet il-kawża, u mhux dawk li daħlu fis-seħħ wara. Barra minn hekk, l-attur ma għandu ebda jedd miksub ta' żgumbrament tal-konvenuta Mugliett, billi l-ewwel qorti, għar-raġunijiet tajba mogħtija fis-sentenza, ma ordnatx l-iżgumbrament. Għalhekk ma hemmx raġuni għala l-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinqeda bil-Kap. 69 kif issa emendat.*

*Dik il-parti tas-sentenza li żżomm lill-konvenuta Mugliett milli tinqeda bil-Kap. 69 għandha għalhekk titħassar.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar l-appell billi tirriforma ssentenza appellata:*

*i. tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' tmienja u għoxrin elf euro (€28,000) u, minflok, tillikwida d-danni pekunjarji u morali li ġarrab l-attur fis-somma ta' erbatax-il elf, tliet mija u tliet euro (€14,303), u tikkundanna lill-Awtorità konvenuta tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati;*

*ii. tħassarha fejn iddikjarat illi "tidderiġi lill-intimata Mary Mugliett sabiex ma tibqax tistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 talLiġijiet ta' Malta" billi s-sejbien illi l-Kap. 69 kien bi ksur taljeddijiet tal-attur jolqot id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza kif kienu qabel l-emendi magħmula bl-Att XXIV ta-2021, u għalhekk il-konvenuta Mugliett ma għandhiex tinżamm milli tinqeda b'dik l-Ordinanza kif issa fis-seħħ."*

20. Illi l-atturi ma sofrew xejn u ghalhekk it-talbiet kollha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi."

Rat ir-risposta ta' Mario Fenech (l-intimat inkwilin) tal-20 ta' Ġunju 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Illi qabel xejn, ir-rikorrenti trid tipprova illi hija l-proprjetarja tal-fond in kwistjoni;

2. Illi l-esponenti umilment jeċċepixxi illi, filwaqt li jirrikonoxxi li għandu *locus standi*, mhuwiex il-leġittimu kontradittur, stante illi huwa bl-ebda mod ma jista' qatt ikun responsabbli, *qua* ċittadin privat, ta' xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti; u se mai missu ġie ċitat in kawża sempliċiment għal kull interess li jista' jkollu, u in oltre, la għandu jiġi kundannat iħallas xi kumpens u wisq anqas spejjeż relatati mal-proċedura odjerna;

3. Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, jingħad li l-esponent u martu, illum mejta, kienu bdew jirrisjedu fil-fond in kwistjoni dejjem in linea mal-liġijiet viġenti, u m'għandhom l-ebda nuqqas ta' xiex jirrispondu, se mai, jirrispondi l-Istat u l-intimata Awtorità tad-Djar;

4. Illi inoltre, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża, l-esponent dejjem ikkoopera mar-rikorrenti u dejjem aġixxa in *buona fede,* u l-kirja dovuta dejjem tħallset puntwalment, u ġiet aċċettata mill-istess rikorrenti, u dan kif indikat mill-provi miġjuba minnha stess u għalhekk huwa jgawdi l-kirja skont il-liġi;

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent umilment jikkontendi illi dina l-Onorabbli Qorti, ukoll f'każ li ssib favur ir-rikorrenti, m'għandhiex tordna l-iżgumbrament tal-inkwilin, u dan in linja mal-pożizzjoni li ħadu riċentement il-qrati tagħna diversament preseduti, u f'kull każ, u dejjem mingħajr preġudizzju, ir-rimedju tal-kumpens, jekk mistħoqq, ikun biżżejjed u effettiv filwaqt li rimedju ulterjuri tal-iżgumbrament żgur ikun bil-wisq inġust u sproporzjonat, u dana anki tenut kont il-fatt li r-rikorrenti għandhom rimedji oħrajn li jistgħu jiġu akkordati lilhom, liema rimedji huma ta' inqas detriment għall-esponent minn żgumbrament, speċjalment tenut kont l-età u l-mezzi tal-esponent;

6. Illi finalment l-esponent jirriżerva minn issa l-jedd ta' rivalsa kontra l-Gvern ta' Malta u l-Awtorità tad-Djar f'każ illi huwa jiġi intortament u mingħajr ħtija ta' xejn, żgumbrat mill-fond minnu mikri, inkluż li jżomm lill-istess responsabbli għal kull dannu u ħsara li jista' jsofri.

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn premessi, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunta in subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha fir-rikors.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' dawn il-proċeduri.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li ir-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Ir-rikorrent huwa l-propjetarju tal-post 64, Triq San Girgor, Żejtun. Dan il-post ġie għandu mill-wirt ta' ommu Ersilja Caruana (a' fol 9).

**2.** Meta ommu kienet għadha ħajja, l-intimata' Awtorita' ħadet il-pussess ta' dan il-fond bis-saħħa ta' rekwizizzjoni numru RO/2209 (a' fol 16). Din mietet fis-17 ta' Frar 1984.

**3.** Bis-saħħa ta' din l-ordni, dan il-fond ġie allokat lill-intimat inkwilin u lil martu fit-12 ta' Frar 1964. Il-kera annwali ġiet stabbilita għal Lm12 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem sakemm għoliet għal €185 fis-sena bi dritt ta' awment kull tlett snin skont dak li jipprovdi l-Att X tal-2009.

**4.** Dan ifisser li bis-saħħa ta' din l-ordni, ir-rikorrenti u l-awtriċi tagħha ġew rinfaċċjati b'fatt kompjut mingħajr il-kunsens preventiv tagħhom. Għalhekk meta aċċettaw il-kera daħlu taħt il-provvedimenti tal-liġi li jipproteġu l-kirja bil-konsegwenza li r-rikorrenti għalhekk qed tilmenta li d-drittijiet fundamentali tagħha qed ikunu miksura u allura qed titlob rimedju lil din il-Qorti.

**Punti ta' liġi**

**5.** Ir-rikorrenti qed tqanqal l-anti-kostituzzjonalita' tad-disposizzjonijiet tal-Kap 125 tal-liġijiet ta' Malta li jipprovdu għall-ħruġ ta' ordni ta'

rekwiżizzjoni u kif ukoll tal-artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti ssostni li minħabba f'hekk, id-drittijiet kostituzzjonali tagħha kif imħarsa minn artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni qegħdin ikunu miksura.

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** Qabel ma l-Qorti tidħol fil-mertu jixraq li tkun epurata kwistjoni ta' natura proċedurali li fil-fehma tal-Qorti, bħal kull punt ta' proċedura oħra, hija ta' ordni pubbliku. Illum hemm qbil ermenewtiku totali illi l-liġijiet ta' proċedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (**Vol XVIII pI p879**). Dan għaliex il-proċedura hija meqjusa liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi "*ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'*"(**Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421**).

**7.** Għalhekk jibda biex jiġi osservat, li skont anke kif jemerġi mill-ewwel talba, ir-rikorrenti qed tippretendi li l-liġijiet u l-artikoli tal-liġijiet *per se* li jiksrulha id-drittijiet fundamentali tagħha u mhux l-aġir intrinsiku tal-Awtorita' intimata jew l-intimat inkwilin. L-Awtorita' intimata kull ma għamlet kien li applikat il-liġi, mentri kif ormai hu paċifiku fis-Sentenzi tagħna ad nauseam, l-inkwilin ma jista' jwieġeb qatt għal dak li tipprovdi l-liġi għax ma kienx hu li promulgaha. Kwantu għat-tieni talba, kif tgħid l-istess rikorrenti, din hija konsegwenzjali għall-ewwel talba, fis-sens, li l-lokazzjoni hija anti-kostituzzjonali mhux għaliex l-għemil fih innifsu huwa anti-kostituzzjonali,

iżda għaliex l-ilment fit-tieni talba huwa intrinsikament marbut ma' dak li qed jintalab fl-ewwel talba u cioe' li l-artikolu 1531C tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi għall-protezzjoni tal-kirja, kemm fil-kwantum tal-kera u kif ukoll bil-proroga awtomatika tal-kirja kontra l-kunsens tar-rikorrenti.

**8.** L-Awtorita' intimata kien ikollha għalfejn twieġeb, kieku għemilha kien per eżempju diskriminatorju jew għaliex issir allokazzjoni mhux għal skopijiet residenzjali. Imma r-rikorrenti ma hiex timputa xi għemil anti-kostituzzjonali f'dan is-sens jew kull sens ieħor lill-Awtorita' intimata. Ir-rikorrenti tilmenta mill-anti-kostituzzjonalita' per se tal-liġijiet innifishom.

**9.** Issa l-Qorti tfakkar li artikolu 181B tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

"*(1) Il-Gvern għandu jkun appreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħuf'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern".*

**10.** Il-Qorti tqis li kif illum il-ġurisprudenza hija konkordi, li safejn l-ilment kostituzzjonali huwa marbut ma' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali minħabba l-applikazzjoni ta' xi dispożizzjoni tal-liġi, huwa biss l-Avukat tal-Istat li għandu jwieġeb f'isem il-Gvern.

**11.** Infatti, kif qalet il-**Qorti f'każ kostituzzjonali fl-ismijiet Josephine Azzopardi pro et noe et -vs- Onorevoli Prim Ministru et deċiż fis-27 ta' Ġunju 2017**:

"*Illi l-artikolu 181B tal-Kap 12 li l-intimati qed jirreferu ghalih ifisser li l-legislatur ried li f`kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f`kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f`kull kaz irid jigi wkoll notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern. It-talba tar-rikorrenti hija ghar-rimedji ghall-pretiza vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom kif sanciti fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna dina ghandha tigi diretta fil-konfront ta' l-Avukat Generali u mhux il-Prim Ministru jew il-Ministru tal-Gustizzja [ara J. Bartolo vs Prim Ministru et Kost. 27/02/2009]. Dina l-kwestjoni dwar illegittimita' passiva tal-Prim Ministru mhux dejjem giet interpretata b'dan l-mod mill-Qrati izda jidher li fl-ahhar zminijiet il-Qorti Kostituzzjonali stabiliet li fejn fl-ilment imressaq dwar ksur ta' dritt fundamentali tintalab dikjarazzjoni li dispozizzjoni ta' ligi nnifisha tikser xi jedd fundamentali, f'dak il-kaz il-kontradittur legittimu jkun l-Avukat*

*Generali u mhux il-Prim Ministru (jew f'dan il-kaz il-Ministru tal-Gustizzja wkoll) [ara, Alfred Spiteri et vs Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta, Kost 07/10/2013; Emmanuele Caruana et vs Il-Prim Ministru et, Kost 30/10/2015; Jane Agius vs Avukat Generali et, Kost 14/12/2015 u David Mifsud vs Onor. Prim Ministru et, Kost 24/06/2016. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi milqugha." Ta' l-istess linja ta' hsieb huma kazijiet ohra, fosthom il-kaz Angelo Zahra vs L-Onorevoli Prim Ministru et deciz fl-1 ta' Marzu 2017 (Rik kost 62/15) minn din il-Qorti stess, u l-kaz Josephine Azzopardi et vs L-Onorevoli Prim Ministru et (Rik 97/14JZM) deciz fit-28 ta' Settembru 2017*".

**12.** Issa, fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, veru li l-liġi qed tkun applikata mill-Awtorita' intimata imma din ma hiex l-entita' governattiva li għandha twieġeb, għaliex ma kienitx hi li promulgat il-liġi tant hu hekk l-artikolu fuq imsemmi jistipula b' mod ċar li "*L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji* <u>*li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern*</u>*".* Għal din il-Qorti huwa manifestament ċar, li l-Awtorita' intimata żgur ma tistax twieġeb għat-tfassil u formulazzjoni u promulgazzjoni tal-liġijiet u wisq anqas l-intimat inkwilin, għar-raġunijiet diġa esposti aktar il-fuq.

**13.** Il-Qorti taqbel ma' dak li ssottomettiet l-Awtorita intimata li jekk id-drittijiet tar-rikorrenti qed jinkisru dawn "*huma lezi mill-effetti tal-ligi u cioe; Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' dan l-istat ta' fatt ma tistax twiegeb l-*

*Awtorita' esponenti imma il-Legislatur*" (a' fol 137 para 10). Din il-Qorti iżżid billi tgħid, li dan l-argument japplika ukoll għall-effetti tal-Kap 125 tal-liġijiet ta' Malta.

**14.** Fl-aħħar nett, din il-Qorti tfakkar li "*Biex ġudizzju jkun integru jeħtieġ li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawża. B`hekk tiġi assigurata kemm jista` jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta` ripetizzjoni ta` proċeduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f`ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa` integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti*" (Ara **App.Ċiv fl-ismijiet Joseph Borg -vs- Francis Vassallo [2000] Vol.LXXXIV.II.42** u **App. Ċiv. Zahra De Domenico -vs- Zahra De Domenico 15.01.1992**).

**15.** Għalhekk il-Qorti tirrikonoxxi, li r-rikorrenti tal-lum għamlet sewwa li ddireġiet l-azzjoni tagħha kontra l-intimati odjerni għaliex ċertament il-presenza tagħhom kienet meħtieġa għall-integrita' tal-ġudizzju. Imma fid-dawl ta' dak fuq imsemmi, din kellha l-ewwel u qabel kollox tkun diretta kontra l-Avukat tal-Istat, li ma hux parti għal dawn il-proċeduri meta huwa biss jista' jwieġeb effikaċjament għat-talbiet rikorrenti.

**16.** Għalhekk huwa każ ċar ta' nuqqas ta' integrita' ta' ġudizzju, li fil-każ odjern huwa nuqqas derimenti. Dan ifisser li din il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tatqa' ir-rikors billi **tillibera lill-intimati mill-osservanza tal ġudizzju** bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**